**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru:230/2019**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Maximillian Ciantar**

**<u>Illum 10 ta' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Maximillian Ciantar** detenur tal-karta tal-identita Maltija **75690M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' diversi granet u fdiversi hinijiet matul il-perjodu li jkopri bejn it-08 u 28 ta' Jannar, 2016, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u Ii jiksru I-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' *Probation Officer* Mary Rose Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minliabba Ii ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra 1-ligi fl-esekuzzjoniv U ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligiiiet ta' Malta:

2. u aktar talli permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser taghmel xi reat; (b) bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontrih, jew immalafamajt lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamilt uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur ta* 1-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta:
3. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf Ii dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur ta' 1-Artikolu 251A tal-Kan. 9 tal-Ligiiiet ta' Malta.
4. U fl-ahhar nett talli fil-perjodu msemmi kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-28 ta' Jannar, 2016 (Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur ta-Artikolu 28B tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f kaz ta' htija tqis Iill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza w cioe' ta' Mary Rose Farrugia, jew ghaz- zamma ta' 1-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' 1-protezzjoni tal-persuna msemmija u I-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra I-akkuzat skond 1-artiklu 412C tal-Kap 9 u fkaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' 1-persuna offiza u 1-fatnilja taghhha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Lulju, 2019, fejn illiberat lill- imputat mit- tieni (2), it- tielet (3) u r-

raba’ (4) imputazzjoni u ma sabitux hati taghhom, u wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ l-ewwel (1) akkuza u kkundannatu ghal perjodu ta' tletin (30) gurnata detenzjoni u ghal multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500).

Ordnat l-hrug ta’ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' 1-imputat, fejn il-persuna protetta hija dik ta' Mary Rose Farrugia, liema ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta’ hames (5) snin mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Maximilian Ciantar, preżentat fir-reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar 31 ta’ Lulju, 2019 , fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati:
- Tirrevokaha ghal-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-Ewwel Onorabbli Qorti accettat il-pozizzjoni legali li Huma  kwalunkwe haga li taqa’ taht il-ligi tal-istampa maghrufa bhala Media and Defamation Act Kap. 579 tal-Ligijiet ta’ Malta li gab ir-reati li jkunu permezz tal-kitba li jinkludi wkoll Facebook u social media ohra kif ukoll kwalunkwe haga li jaqa’ fid-defanazzjoni ta’ stampat u kull forma ghat-tixrid ta’ idejat, informazzjoni u opinjonijiet lill-pubbliku in generali  jew inkella ta’ parti zghira mill-pubbliku li tkun taFit xi kontroll ta’ persuna. Facebook huwa tali forma ta’ pubblikazzjoni.

Jekk wiehed jara l-Artiklu 95 tal-Kap. 9 jsib illi I- *actus reus* ta’ dan ir- reat huwa l- istess bhal ma huma t- tlett reati li jissemmew tal-ingurja, tat-theddid u tal- feriti fuq il-persuna. M’ hemm xejn sa dan il-punt x ’jiddistingwih minn reati ohrajn, igifieri I-*actus reus* jibqa’ l-istess. Id- differenza hija biss li minhabba li l-persuna“ danneggjata” jkun ufficcjal pubbliku dan ikun aggravanti ta’ dawk ir- reati imsemmija, tant hu hekk

li dawn jikkostitwixxu kif tghid il- ligi stess , ikunu suggetti ghall- piena ta' kontravenzjonijiet mizjuda b' zewg gradi u b'referenza gfial kull reat.
Issa la l-ingurja bil-kitba u anke din taqa' taht pubblikazzjoni, taqa' taht il- ligi tal-Media and Defamation Act.

Allura meta l-ligi hassret ir-reati ta' din in-natura, dawk ma jistghu qatt aktar jitqiesu bfiala reati kriminali.

Qed issir referenza ghall-kawza tal- Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal- Bniedem **Scoppola Number 2 vs Italy** fejn dan il- punt gie ribadit u anke intuza mill-gurisprudenza lokali. Il- gurizprudenza l- aktar antika nbniet kif kienu z-zmienijiet illi l- gudikanti I-aktar jafu u jaqraw bit-Taljan fuq il- kodici Taljan.

L-*oltraggio al pubblico ufficiale* huwa reat assolutament different anke dak iz-zmien minn reat kif inhu miktub fil-legizlazzjoni taghna.

**L-Artiklu 341** tal- Kodici Penali Taljan kien gie abrogat u nbidel fl-1999 u huwa sempliciment l-ingurji li jsiru lill- ufficcjal pubbliku quddiem diversi persuni. Jigifieri meta jkun hemm sfida ghali-awtorita' ta' dak l-ufficcjali pubbliku.

Ir-reat taht il-ligi taghna huwa kompletament differenti' ghaliex bizzejjed wiehed jaqra l-artiklu kif inhu miktub. ll-verzjoni fit- test Malti hija illi ir-reat ta' ingurja, ta' theddid u tal-offiza jkunu mizjuda b'zewg gradi u ghall-multa ta' mhux anqas minn 800 u mhux izjed minn hamest'elef ( 5000) Dan ifisser li wiehed irid imur jara x'piena hemm ghall-ingurja, ghat-theddid u ghall-offiza.

F'dan il-kaz irridu nibqghu ghall-ingurja. L-ingurja hija bil-miktub u l-qorti sa certu punt kienet ghadha fuq il-binarju tajjeb li qalet li bl-ATT IX tal-2018 giet dekriminalizzata l-ingurja li tkun permezz tal-platform elettroniku. Jekk il-piena ghal tali reat saret zero, jekk jizdiedu zewg gradi xorta tibqa' zewg zeri. Mela l-ewwel wiehed irid jara hemmx l-ingurja, haga li hija*)* kontestata, it-tieni jekk dik l-ingurja

hemmx piena gfialiha. Jekk m'hemmx piena ghaliha allura mhijiex applikabbli l-ebda piena b'zieda ta' gradi. Jekk giet depenalizzata allura ma hemmx izjed reat ta' ingurja fuq pjattaforma elettronika imma hemm dritt biss ghad-danni civili f'kawza ta' libel).

Din il-posizzjoni giet ampjament trattata fil-kawza **ll-Pulizija v Joseph Zammit** deciza mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja fil-5 ta' Novembru,2018 Peress li l-avukat sottoskritt ma sabhiex fuq l-internet qed jirriproduci l- parti rilevanti.

> *" Illi b'riferenza ghat- tieni imputazzjoni, l-Avukat Difensur ecepixxa I- abolitio criminis u dan wara li bl- Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018 ir-reat de quo kien gie abolit u sostitwit bir- rimedju civili. Illi in kwantu t-tieni imputazzjoni hija dik ta' ingurja kontestata taht l- Artikolu 252(1)(2)(3) tal- Kodici Kriminali, id-Difiza ghanda ragun.Bis-sahha tal-Artikolu 25(e) tal-Att XI tal-2018, l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali gie abrogat.*
>
> *Din il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ll- Pulizija vs. Martin Cassano tat-28 ta' Settembru 2017 fejn gie mistqarr u deciz is-segwenti :-*
>
> *Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjonital-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta'I-Awiz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l- att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza.*

Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni

milli tiehu konjizzjoni ta' dina I-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties. The Court affirms that Article 7 1 of the Convention guarantees not only the principle retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant. 1 (Scoppola vs Italy App.No.12049/03-17/09/2009 (Grand Chamber)"*

llli l- Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il- posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal **Ocalan v. Turkey** deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenuto;-

> *"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2),as guaranteed by Article 7,is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.2 (Ara ukoll Ruban vs Ukraine-12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia)"*

Sahansitra il- **Professur Mamo** fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal- fehma illi:

> "*In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*
>
> *It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra- attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*

Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017; "*The more lenient criminal law*" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.)" B'hekk ilium ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal- proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar I- Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drrttijiet tal-Bniedem.

Dan ghaliex il-ligijiet u r-regolamenti sanitarji gew imfassla f'ligi gdida permezz tal-imsemmi avviz legali li jbiddel b'mod drastiku il-ligi sanitarja u dan sabiexjigu implimenatati d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward biex b' hekk gew fis-sehh ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment ta'I-Energija fl-Uzu tal- Bini.

Illi din il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni mehuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk sejra tipprocedi bl-istess *modus operandi* fis- sens li sejra tastjeni milli tiefii konjizzjoni ulterjuri tat- tieni imputazzjoni.

Bizzejjed li wiefhed jigbed l-attenzjoni ghall-kazijiet iktar eklatanti ta' ingurji u malafama mogfttija fuq blogs illi kien hemm gftaddejja azzjoni kriminali kontra ufficcjali pubblici bhalma huma ministru u prim ministru u li kienu pendenti quddiem

dak iz-zmien il-Magistrat Dr Francesco Depasquale u kif ghaddiet il-ligi peress li dawn saru biss prosegwibbli ghall-kwerela de parti fil-qorti divili, l-istess reati waqghu tnehhew u ma kienx hemm iktar prosegwiment kriminali fuqhom. Barra minn dan kien hemm kazijiet ohrajn.

Jekk din kienet tapplika ghal dak il-kas m'hemmx raguni ghala m'ghandhiex tapplika ghal dan il-kas.
Semghet il-partijeti jittrattaw dan il-kaz u dan fis-eduta tat-3 ta Marzu 2025.

**Ikkunsidrat,**

Rat illi quddiem din il-Qorti l-appellanti kien talab lil din il-Qorti tikkonvertu ruha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Ottubru 2019 fejn awtorizzat lill-appellant iressaq provi sabiex jikkonvinci lil Qorti li huwa qed jindirizza il-problema tieghu ta' abbuz ta' droga u li fil-fatt irnexxilu jgheleb dan il-vizzju mishut tieghu.

Rat in-nota tal-appellant prezentata fir-registru ta' din l-OnorabbI Qorti nhar id-19 ta Novembru 2019 fejn indika bhala x-xhieda tieghu is-segwenti:-

1. Dr Joseph Tonna mid-Detox
2. Stephanie Grech tal-Agenzija Caritas
3. Ashley Camilleri tal Agenzija Sedqa
4. Antoinette Buttigieg Sciberras tal-Agenzija Sedqa.

Rat ix-xhieda ta' **Noel Cassar** moghtija nhar l-14 ta' Novembru, 2019 li xehed bhala rapprezentant tal-Caritas. Ikkonferma li l-ewwel darba li kien talab l-ghajnuna tal-Caritas kien fis-sena 2012 meta kellu problema akuta ta' opiods. Ghamel xi ftit sessions numru zghir imbaghad rega ghamel xi sessions ohra fis-ena 2013 u rega ghamel kuntatt maghhom fis-sena 2016. Meta kien ghadu ghaddej bil-probelma tad-droga.

Dak iz-zmien kien wera x-xewqa li jibda' program mal-Caritas u kien qieghed fil-waiting list.

Qal li fit-20 ta' Lulju 2019 l-appellanti gie rilaxxjat mill-habs ghaliex kien skonta s-sentenza tieghu w fit-2 ta' Settembru, 2019 rega ghamel kuntatt maghhom ghal ghajnuna u beda jattendi kull gimgha. Kien qed jaghmel is-sessions u jaghti kampjun tal-awrina tieghu w dawn dejjem kienu fin-negattiv kienu clean. L-ahhar wahda kienet fit-13 ta' Novembru 2019.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Dr Moses Tonna** nhar l-14 ta' Novembru 2019. Qal li kien ilu jaf lill-appellant gewwa d-Detox Rah l-ewwel darba f' Jannar 2009 kien ghad ghandu dsatax-il sena u ghandu storja twila ta' substance abuse u addiction principlament fuq id-droga Eroina w Kokaina. Kien imur ghandu ghal methadone ghal zmien twil. Qal li ta hdax-il sena kien ipejjep il-haxixa u ta erbatax- il sena kien jiehu l-eroina. Kien anke jiehu l-Ectasy. Imbaghad kien hemm zmien meta kien qata' l-kuntatt u regghu bdew jarawh f'Mejju 2012. Dak iz-zmien kien injetta ruhu bl-Eroina bis-siringa, kien ipjjep il-haxixa u jiehu anke il-kokaina.

Fit-13 ta' Jannar 2016 rega ghamel kuntatt maghhom, kien anke ghamel xi jiem Dar l-Impenn. Kellu jibda program izda ma marx. Kellu jmur Santa Marija kellu l-key worker Ashley Cumbo meta kien dahal Dar l-Impenn kien qed isegwieh hu izda ma komplix. Imbagahd jghid li kien ghamel xi zmien il-habs. Regghu rawh f'Mejju 2016 fejn kien rega qata l-mistura. Imbaghad segwa perijodu twil meta kien imur ghal Mistura. Qal li l-behaviour tieghu maghhom kien dejjem wiehed tajjeb u qatt ma kellhom problem bih. Jafu ukoll il-habs meta kien jahdem gewwa l-habs. Qal li l-ahhar li kien rah kien inbidel hafna u jidher ahjar pero ma setax jikkummenta hafna peress li kien ghadda zmien minn meta kien rah l-ahhar u meta telgha jixhed. Jaf li mbaghad kien ghamel zmien ukoll clean u ma kien taht l-ebda kura jew trattament.

Rat ix-xhieda ta' **Ashley Cumbo** moghtija nhar l-14 ta' Novembru 2019 u dan kkonferma li l-appellant kien klijent tieghu f'zewg perijodi bejn Jannar 2014 u Awissu 2015 u bejn Marzu 2017 u Ottubru 2017. F'dan il-perijodu kien rispettuz hafna mieghu. Qal li meta kien jattendi ghal sessjonijiet dawn kienu jkunu fruitful. Huwa dahal fl-Assesment Stabilization Unit bejn Mejju u Jannar. Din hija parti mis-servizzi

residenzjali tal-Agenzija Sedqa fejn persuna tidhol hemm hekk ghal massimu ta' tmien gimghat normalment. Dak iz-zmien ikun clean u jkunu jistghu jaghmel l-asessment taghhom. Illum il-gurnata dan il-Unit ma ghadux jesisti. Qal pero li l-appellant kien telaq minn rajh, kienet decisjoni tieghu. Jaf li wara bdiet tarah Antoinette Sciberras Buttigieg.

Rat ix-xhieda ta' **Antoinette Sciberras Buttigieg** u kkonfermat li kienet tiehu hsieb l-appellanti minn Ottubru 2017 sa Lulju 2010. Spjegat li bejn Ottubru 2017 u Frar 2019 kien jattendi ghal sessjonijiet u kien jaghti l-*urine tests* li kienu negattivi ghal presenza tad-droga salv ghal dik tal-Cannabis. F'Marzu dahal il-habs u kienet tmur tarah hemm u dan kien bejn Awwissu 2017 u Marzu 2018.

Rat ix-xhieda ta' **Stephanie Grech** moghtija nhar is-27 ta' Frar 2020. Ikkonfermat li saret taf lill-appellanti fis-sena 2012 meta kien mar l-Caritas minhabba problema tad-droga peresss li kien jiehu d-droga Eroina u Kokaina. Kien attenda ghal tlett sessjonijiet u wara rega' mar fis-sena 2013 meta mar ghal ftit u rega ghamel kuntatt maghhom fis-sena 2016. Dak iz-zmien xtaq jidhol program il-Caritas u kien fuq il-waiting list u waqaf jattendi. Imbaghad mar il-habs u hareg minn hemm f'Lulju 2019 u fit-2 ta' Settembru 2019 rega ghamel kuntatt maghhom. Imbaghad beda jattendi b'mod regolari hafna u anke jaghti l-urine samples tieghu. Wara li kein ghamel tlett xhur clean fil-5 ta' Dicembru setgha jimxi biex jibda program evening. Beda dan il-program u kien sejjer tajjeb hafna. Tghid li ghandu komportament tajjeb hafna. Tghid li ghandu s-support ta' missieru u anke tal-gharusa tieghu. Hija esebiet ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok SG a fol. 140 tal-atti.

**Eunice Grech Fiorini** xehdet nhar is-27 ta' Frar 2020 u kkonfermat li l-appellanti kellu kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta differita ghal-24 ta' April 2020 u ohra quddiem l-Imhallef Grixti. Quddem il-Qorti tal-Magistrati kellu Tlieta.

Rat ix-xhieda tal-ufficcjal tal-Probation **Maryrose Zammit** moghtija nhar id-9 ta' Gunju 2020 u kkonfermat li fis-sena 2015 kient dahlet denunzja li tikkoncerna lill-appellanti. Qalet li min dakinhar il-quddiem ma segwitux iktar.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2020 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga.

Rat in-nota tal-Bord ta rihabilitazzjoni prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Lulju 2022 fejn l-Qorti giet infurmata li l-Bord ghalaq il-kaz tal-appellanti b'success.

Rat is-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru 2022 fejn sabet lill-appellanti hati tar-raba akkuza u cahdet l-appell tal-appellanti fuq il-mertu pero stante li kien temm b'success il-proceduri quddiem il-Bord il-Qorti ordnat modifika fil-piena minflok il-perijodu ta' detenzjoni li gie kkundannat jaghmel giet ordnata fil-konfront tieghu Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal-perijodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin. Fost il-kundizzjonijiet impost fl-Ordni tal-Probation kien hemm li l-appellanti ghandu jindirizza il-problema tieghu ta' abbuz ta' droga billi jkompli jsegwi program ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz ta' droga u jaghti kampjun tal-awrina darba fil-gimgha u f'kaz li jkun hemm rizultat wiehed pozittiv ghad-droga ghandu jitqies li kiser il-Ordni tal-Probabtion.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probabtion Ivan Sultana prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Ottubru 2022 fejn il-Qorti giet infurmata li l-Ufficjal tal-Probabtion Svetlana Bezzina kienet ser issegwi lill-appellant fuq din l-Ordni tal-Probabtion.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Novembru 2022 fejn l-Qorti giet infurmata li l-appellant ma kienx qed jobdi l-Ordni tal-Probabtion moghtija fil-konfront tieghu. Jirrizulta li l-kampjun tal-awrina tieghu kien pozittiv ghal presenza tad-droga Eroina. In oltre stqarret li l-appellant ma kienx qed izomm mal-kundizzjonijiet tal-ordni u ghalhekk ipprezentat id-denunzja taghha.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation datata 23 ta' Jannar 2023 fejn il-Qorti giet infurmata li l-appellanti ma kienx qed jissottometti ruhu ghal testijiet tal-awrina b'mod regolari meta jigi hekk mitlub u ma ghamel l-ebda kuntatt mal-Agenziji lokali sabiex jindirizza l-problema tieghu ta abbuz ta droga minkejja li gie gwidat li jghamel hekk diversi drabi.

Rat ix-xhieda tal-Ufficjal tal-**Probabtion Svetlana Bezzina** moghtija nhar it-28 ta' Frar 2023 u fil-qasir kkonfermat li l-appellanti ma kienx qed izomm l-appuntamenti li kien qed jinghata w dan b'mod regolari. In oltre it-testijiet tal-awrina tieghu kienu qed jaghtu rizultat pozittiv ghal presenza ta' Eroina u Kokaina u ghalkemm ammetta l-uzu tad-droga Eoroina kkonstata r-rizultat tad-droga Kokaina. Intqal ukoll li l-appellanti ma ndirizzax il-problema tieghu f'xi Agenzija lokali li tiehu hsieb ir-rihabilitazzjoni ta'kontra l-abbuz tad-droga.

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probabtion datat 18 ta' Lulju 2023 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li f'dak iz-zmien l-appellant ta xi kampjuni tal-awrina tieghu u dawn taw rizultat negattiv ghal presenza tad-droga. Rat ir-rapport tas-Senior Psychotherapist Isabelle Jacobsen fejn stqarret li l-appellant kien qed jirregistra progress fl-andament tieghu.

Rat li s-social worker Joanne Buhagiar Fiott ikkonfermat fix-xhieda taghha tad-29 ta' Lulju 2023 li l-appellanti kellu xi rizultati tal-awrina tieghu pozittivi ghal-prezenza tad-droga Eroina.

Il-Qorti zammet dan il-kaz miftuh ghal diversi snin bl-isperanza li l-appellanti jerga jaqbad it-triq it-tajba u jindirizza b'mod serju il-problema tant akuta tieghu ta' abbuz ta' droga pero jidher car li dan ma sehhx u dan ghaliex kif jidher mix-xhieda moghtija mill-ufficcjal tal-probabtion Joanne Buhagiar Fiott nhar is-16 ta' Jananr 2025 din kkonfermat li l-appellanti gie sospiz mill-programm li kien beda u dan ghaliex ma kienx qed jibbenifika minnu u meta regghet xehdet nhar il-11 ta' Marzu 2025 kkonfermat li l-appellanti rega qabad il-vizzju tad-droga tant li kellu rizultati pozittivi ghal presenza kemm tad-droga Eroina u anke Kokaina u fil-fatt kien hu stess li ammetta li kellu relapse. Huwa car tispjega l-Ufficjal tal-Probation li l-appellanti ma jridx imur program u ma jridx jindirizza b'mod serju l-vizzju li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghadnhiex triq ohra salv li tiddikajra li l-appellanti kiser l-Ordni tal-Probation moghtija minnha kif fuq rapportata. Il-Qorti thoss li f'dawn ic-cirkostanzi u fid-dawl tal-antecedent tieghu fir-rigward il-fedina penali tieghu l-unika piena li hija gustifikata illum hija dik ta' prigunerija.

Rat dak li jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation billi jiddisponi is-segwenti:

> "*Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation ikun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat.*"

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jieqfu minn dan il-vizzju, pero skond dak li intqal mill-Ufficjal tal-Probation, l-imputat ma jridx jitghallem mill-esperjenzi tieghu u jwebbes rasu li jibqa jiehdu -droga. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun iktar klementi mieghu u ghandha turi l-id l-iebsa taghha u timponi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li jirrizulta li l-imputat probationer Maximillian Ciantar kiser l-Ordni tal-Probation, u ghalhekk tiddeciedi li tittratta mieghu mill-gdid ghar reat li tieghu instab hati u wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikajra li huwa hati tal-ewwel akkuza u tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija effettivi

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**